

# *75 Sena mill-Pellegrinaġġ Storiku*



## Pellegrinaġġ Nazzjonali

Fid-19 ta' Novembru li ġej, ser inkunu qed infakkru l-75 anniversarju mill-pellegrinaġġ nazzjonali li kien sar fis-sena 1944, minn Birkirkara sa Bormla, bil-kwadru titulari u l-istatwa devota ta' Marija Immakulata. Sejjaħtlu pellegrinaġġ 'nazzjonali' minħabba li dan ma kienx jinvolvi biss il-bliet protagonisti ta' Birkirkara u Bormla, iżda tista' tgħid li kien avveniment tal-pajjiż kollu, fejn il-poplu Malti feraħ u rringrazzja lil ommna Marija fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija.
Minn dak iż-żmien 'l hawn, nibtet rabta ta' ħbiberija u għożża bejn il-popli ta' Birkirkara u Bormla, rabta li għadha ħajja sal-ġurnata tal-lum. Tabilħaqq, il-Bormliżi għadhom iħossuhom grati għall-kenn li Birkirkara u l-Karkariżi offrew lill-opri mprezzabbli ta' belthom, matul iż-żmien iswed tal-gwerra.

## Il-Pellegrinaġġ tal-1944

Meta fl-1940 l-Italja ddikjarat li kienet ser tidħol fi gwerra mal-qawwiet alleati, Malta kollha sofriet bil-kbir. Ħafna bliet u rħula, l-iktar dawk viċin il-port jew qagħdiet oħra tas-servizzi Ingliżi, laqqtuha bil-kbir. Tista' tgħid li ħafna nħawi kienu spiċċaw litteralment borġ ġebel, b'bini mwaqqa kullimkien u ġuħ u għaks li kont tarah u tmissu b'idejk.

Minħabba l-preżenza tat-Tarzna tal-Ammirall, il-Kottonera kollha kienet milquta sew minn dawn l-attakki mill-ajru. Għaldaqstant, il-knejjes tal-inħawi raw kif għamlu u ħażnu t-teżori tagħhom banda oħra, f'postijiet iktar siguri, 'il bogħod mill-port, sakemm jgħaddi l-għelt li ġġib magħha l-gwerra. Il-Kapitlu ta' Bormla kien ħa ħsieb li bosta opri li kienu miżmumin





*19 ta' Novembru 1944: Il-vara tal-Immakulata Kunċizzjoni ħierġa mill-Kolleġġjata ta' Sant'Elena u l-baħar ta' nies li akkumpanjaha lura sas-Santwarju tal-Belt Cospicua*




*11 ta' Novembru 1994: Il-vara tal-Immakulata Kunċizzjoni fi triqitha lejn il-Bażilika ta' Sant'Elena, għaddejja minn biswit il-Kappella ta' Sant'Antnin u Santa Katerina, u armata taħt in-nava fil-Bażilika*

b'għożża fit-tempju tal-Immakulata, jittieħdu fil-Knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Fost dawn kien hemm il-Kwadru nkurunat u l-istess vara titulari devota ta' Marija Immakulata.

Fi żmien il-gwerra, il-festa liturġika tal-Immakulata Kunċizzjoni kienet tiġi ċċelebrata internament fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Żgur li l-Bormliżi li kienu jattendu f'dawk iż-żminijiet koroh, kienet taqbżilhom demgħa u tingħafas qalbhom meta jaraw il-vara tant għażiża tagħhom daqshekk 'il bogħod minn pajjiżhom. Iżda żgur li kienu jafu li hekk kien meħtieġ biex jissalvagwardjaw dawn l-opri prezzjużi. Il-Bormliżi għalhekk solennement wegħdu, li jekk il-Knisja-Santwarju tagħhom tibqa' sħiħa u ssalva mill-qerda tal-gwerra, meta jsir il-mument, il-kwadru nkurunat u l-vara titulari, jittieħdu lura fil-Belt Cospicua b'pellegrinaġġ minn Birkirkara sa Bormla. Fil-fatt hekk sar, għax minkejja li Bormla tista' tgħid li tfarrket kollha, il-Knisja Kolleġġjata baqgħet wieqfa qalb it-tifrik.

Kien nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 1944 meta sar dan il-pellegrinaġġ imwiegħed. Il-kwadru u l-vara titulari ta' Marija Immakulata ttieħdu mill-Knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara sa dik ta' Marija Immakulata f'Bormla. Il-pellegrinaġġ għadda minn diversi bliet u rħula, fosthom Santa Venera, il-Ħamrun, il-Marsa u Raħal Ġdid. Minbarra l-Kapitli Kolleġġjali ta' Birkirkara u Bormla, ħadu sehem ukoll diversi baned, fosthom iż-żewġ baned Karkariżi ta' dak iż-żmien, u diversi għaqdiet reliġjużi, soċjali u



politiċi madwar Malta. It-toroq kollha kienu ppakjati bin-nies, li ħarġu jagħtu qima u akkumpanjaw b'devozzjoni kbira lil Marija fi triqitha lura lejn il-belt li minn dejjem ħabbitha.

**L-Anniversarju tal-1994**

Ħamsin sena wara dan l-avveniment storiku, kif inhu xieraq, saru festi kbar, kemm f'Birkirkara, kif ukoll f'Bormla. Fil-fatt, f'Novembru 1994, f'Birkirkara reġa' kellna x-xorti li fostna jkollna l-vara devota ta' Marija Immakulata għal ġimgħa sħiħa.

Il-vara kienet waslet Birkirkara nhar is-Sibt 11 ta' Novembru filgħodu. Folol kbar ta' nies kienu laqgħu lil Marija Immakulata u akkumpanjawha sal-Bażilika ta' Sant'Elena b'innijiet marjani. Matul din il-ġimgħa, ħafna nies żaru t-tempju Elenjan apposta, biex jassistu għal dan il-mument storiku, fejn il-vara tal-Immakulata kienet armata taħt in-nava, quddiem l-artal ta' San Ġużepp fl-istess Bażilika.

Kienu saru diversi ċelebrazzjonijiet, fosthom preżentazzjoni tat-trabi lill-Marija Immakulata, quddies għall-morda u l-anzjani, u akkademja mużiko-letterarja, bis-sehem tal-kor tal-Parroċċa ta' Sant'Elena. Għal din l-okkażjoni, il-Kapitlu ta' Bormla kien ħareġ ukoll sett ta' midalji ta' tifkira, filwaqt li s-Soċjetà Dun Filippu Borgia kienet organizzat wirja li fiha, minbarra gazzetti, kwadri marjani, statwi tal-Kunċizzjoni u platti tal-melħ, kienu esebiti diversi oġġetti oħra interessanti, fosthom il-kalċi li kien ingħata mill-Kapitlu ta' Bormla lil dak Karkariż ħamsin sena qabel bħala ringrazzjament. Kien inħareġ ukoll logo u nkiteb innu apposta għal dan l-anniversarju.
Il-qofol intlaħaq nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru, fejn saret quddiesa solenni miż-żewġ kapitli, u wara l-vara ddawret mat-toroq ta' Birkirkara, f'pellegrinaġġ devot immexxi mill-Arċipriet ta' Bormla. Is-Sibt 19 ta' Novembru, propju f'jum it-tifkira tal-pellegrinaġġ tal-1944, kienet saret quddiesa bit-Te Deum, u wara l-vara nħarġet mill-Bażilika u nġarret fuq l-ispallejn sa ħdejn l-iskola primarja tal-Gvern. Iż-żewġ baned Karkariżi Elenjani akkumpanjaw b'marċi u innijiet marjani. Wara, il-vara ttieħdet permezz ta' trailer sal-Knisja ta' Sant' Antnin ta' Għajn Dwieli, fejn iktar tard inġarret fuq l-ispallejn sal-Knisja Kolleġġjata tal-Belt Cospicua.

**75 Anniversarju**

Din is-sena għalhekk, timmarka l-75 anniversarju mill-pellegrinaġġ nazzjonali tal-1944, kif ukoll 25 sena mill-attivitajiet speċjali tal-1994. Għalhekk huwa opportun li jitfakkar dan l-avveniment storiku u reliġjuż b'mod xieraq. Fil-fatt, il-Kolleġġjata ta' Bormla qed torganizza diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet matul din is-sena, b'rabta ma' dan l-anniversarju. Il-qofol jintlaħaq fil-ġimgħa bejn is-Sibt 9 ta' Novembru u s-Sibt 16 ta' Novembru, fejn f'Birkirkara għal darba oħra mistenni li jkollna x-xorti li l-vara devota tal-Immakulata Kunċizzjoni terġa' tinġieb għall-qima fil-Bażilika Elenjana, kif kien sar 25 sena ilu, fl-istess post li din il-vara sabet kenn fis-snin imqanqla tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Żgur li kemm aħna l-Karkariżi, kif ukoll ħutna l-Bormliżi, ser inkunu qed nistennew bi ħġarna dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Birkirkara minn qalbha ser terġa' tilqa' lil Marija Immakulata, kif għamlet fl-1944 u fl-1994. Dan ikompli jsaħħaħ l-imħabba lejn Marija li għandhom dawn iż-żewġ popli, u permezz t'hekk tkompli titqawwa r-rabta bejn iż-żewġt ibliet, rabta ta' ħbiberija dejjiema li ma tinħall qatt.

*Clayton J. Mifsud*